NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Jannar - Frar 1986 Nru 28

# VIZTA PASTORALI MILL-ISQOF CAUCHI



*'. . . okkażjoni li niltaqa' ma' dawk kollha li qegħdin jieħdu sehem f'xi attivitajiet pastorali jew qegħdin iwettqu xi apostolat'.*

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Novembru 1985 l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi ta bidu għall-Vizta Pastorali fid-Djoċesi t'Għawdex, liema vizta għandha twasslu fil-parroċċi kollha sabiex jara aktar mill-viċin f'liema stat tinsab il-qagħda tal-Knisja fi gżiritna u sadattant jisma' l-fehmiet, jiddiskuti d-diffikultajiet u jilqa' s-suġġerimenti ta' dawk kollha li qed jaħdmu fil-qasam evanġeliku ta' pajjiżna.

Il-Vizta Pastorali tinżamm għall-inqas darba kull ħames snin kif inhi d-drawwa antika fil-Knisja Kattolika. L-Isqof Djoċesan jinqeda b'din il-Vizta sabiex permezz tagħha jkun jista' jżur il-parroċċi u l-istituzzjonijiet reliġjużi tad-djoċesi tiegħu biex iħajjarhom għal ħajja nisranija dejjem iktar imħeġġa.

Din id-drawwa għadha tgħodd anki fi żmenijietna u hija konfermata mill-Liġi Ekklesjastika reċenti, kif ukoll minn dokumenti oħra li ħarġu wara l-Konċilju Vatikan II.

Iċ-Ċerimonjal tal-Isqfijiet, waqt li jitkellem dwar il-Vizta Pastorali, jiddiskrivi l-funzjonijiet li għandu jwettaq l-Isqof Djoċesan matul din il-viżta. Jippreskrivi wkoll li din "iż-żjara tiegħu tul biżżejjed sabiex l-Isqof ikun jista' jagħraf, iġib 'l quddiem, iħeġġeġ u jikkordina l-apostolat tas-saċerdoti u tal-lajċi flimkien mal-opri tal-karità kif ukoll biex jippresiedi xi ċelebrazzjonijiet liturġiċi".

Id-dokument "Ecclesiae Imago", magħruf aħjar bħala "Direttorju dwar il-Ministeru tal-Isqfijiet", jiddiskrivi dan l-iskop tal-Vizta Pastorali billi jgħidilna li r-Ragħaj Spiritwali għandu jinqeda biha sabiex "ifaħħar, iħeġġeġ u jinkuraġġixxi lil dawk li jaħdmu fil-qasam evanġeliku, jara b'għajnejh id-diffikultajiet tal-evanġelizzazzjoni u tal-apostolat, jerġa' jifli u jeżamina t-twettiq tal-pastorali

ikompli f'paġna 3

# TALBA GĦALL-PAĊI



**O Alla,**
**il-ġnus ifittxu l-paċi**
**iżda ma jsibuhiex**
**sakemm ma jfittxuhiex fik.**

**Lejk nersqu,**
**fil-bidu ta' din is-sena**
**dedikata għall-paċi**
**sabiex nitolbuk**
**il-grazzja tal-paċi.**

**Tidħol għalina quddiemek**
**il-Verġni Mbierka Marija,**
**Omm il-Paċi.**

**Jidħol għalina quddiemek**
**il-Kbir Martri San Ġorġ,**
**Difensur tal-Paċi.**

**Agħmel,**
**O Patrun Glorjuż tagħna,**
**li bħalek**
**nersqu lejn Alla**
**u ngawdu l-paċi**
**tal-ħbiberija divina.**

**Għinna,**
**O Kbir Qaddis ta' Alla,**
**sabiex bħalek**
**inħobbu l-ġustizzja**
**u nissieltu għaliha,**
**biex b'hekk naqilgħu mis-sema**
**dik il-paċi,**
**li Alla jrid għalina fuq l-art**
**u b'wirtna fis-sema**
**għal dejjem.**

**Hekk Ikun.**

Nihil Obstat
Fr. B. Camilleri OFM Conv.
Cenc. Eccl.
22.1.86

# IL-CHORUS URBANUS JAGĦLAQ GĦAXAR SNIN



Il-CHORUS URBANUS jidher mas-Sejda Papali fl-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma wara li ħa sehem fil-konċelebrazzjoni ta' nhar Santa Marija - 15 ta' Awissu 1977.

Propju fil-Lejl tal-Milied waqt il-quddiesa ta' Nofs il-Lejl il-Chorus Urbanus tal-Bażilika ta' San Ġorġ iċċelebra egħluq l-għaxar anniversarju mit-twaqqif uffiċċjali tiegħu. Bħala tifkira ta' dan l-avveniment saret bibita wara l-quddiesa ta' nofs il-lejl li għaliha kien mistieden il-Kleru tal-Bażilika.

Għalkemm dan il-kor deher uffiċċjalment l-ewwel darba għaxar snin ilu, nistgħu ngħidu li l-oriġini tiegħu taf lis-sena 1972 fl-istess okkażjoni tal-Lejl tal-Milied. F'dawk il-ġranet xi żgħażagħ tal-Parroċċa kienu avviċinaw lil Dun Ġużepp Gauci, illum Kanoniku tal-Bażilika San Ġorġ, biex fil-lejl tal-Milied jiltaqgħu u jkantaw xi għanjiet tal-Milied biex il-lejla qaddisa ma tkunx monotona u sempliċi bħall-oħrajn. Din l-idea nghoġbot minn Dun Ġużepp tant li qabbad lill-organista, is-Sur Joseph Bezzina biex iħejji l-mużika meħtieġa u l-kor kanta u sebbaħ l-okkażjoni tal-Lejl tal-Milied. L-istess kor, jew aħjar ġemgħa ta' xebbiet u ġuvintur, kantaw ukoll fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes li ssir fil-Bażilika tagħna u liu dik is-sena ħabtet nhar il-Ħadd 18 ta' Frar, 1973.

Iżda billi fil-Parroċċa kien hemm inkwiet parrokkjali dwar il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, dawn l-individwi ma ridux jieħdu sehem f'funzjonijiet oħra bħalma, ngħidu aħna, fil-Ġimgħa l-Kbira u l-festi oħra. Għalhekk kontra x-xewqa ta' Dun Ġużepp Gauci l-kor baqa' ma ltaqax aktar.

Meta ntemmet il-kwistjoni parrokkjali fit-13 ta' Awissu, 1975, Dun Ġużepp Gauci deherlu li issa li għadda kull xkiel, għandu jifforma kor biex jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet tal-Bażilika. Hu għajjat lis-Sur Joseph Bezzina u bosta xebbiet u ġuvintur u bdew isiru l-provi meħtieġa. Bħala l-ewwel Direttur tal-Kor insibu il Dun Guzepp Gauci nnifsu li dan f'din il-kariga sas-sena 1978 meta ħalla hu minn jeddu. Taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp, il-kor kanta f'bosta okkażjonijiet kemm f'okkażjonijiet speċjali u servizzi fil-Bażilika kif ukoll f'postijiet f'Għawdex u f'Malta. Is-sena 1977 kienet sena tad-deheb għall-Kor u bir-raġun. Il-Kor ingħaqad mas-Soċjetà La Stella f'ġita għall-Italja u l-Isvizzera u kellu l-okkażjoni li jkanta waqt Konċelebrazzjoni fid-Duomo ta' Milan u fl-Arċibazilika tal-Leteran f'Ruma.

Fil-bidu tas-sena 1979 il-Kor għadda f'idejn is-Sur Joseph Bezzina. Dan ukoll ħadem ħafna u bosta kienu l-kompożizzjonijiet li kiteb għall-kor. Bl-inizjattiva tiegħu l-Kor deher fuq it-Televizjoni Maltija f'programm tal-Ġimgħa Mqaddsa li fih kanta l-Oratorju ta' Meinrich Schtuz: 'Septem Verba Jesu Christi in Cruce'.

Mal-medda ta' dawn l-għaxar snin il-Kor għadda taħt it-tmexxija ta' surmast ieħor. Fis-sena 1980, u sewwa sew fix-xahar ta' Ottubru t-tmexxija tal-Kor għaddiet f'idejn Mro. Johnnie Galea, is-surmast direttur preżenti. Taħt dan is-surmast il-Kor kompla fit-triq tal-progress u kienu bosta l-okkażjonijiet li fihom l-Kor qata' figura tajba u kiseb is-suċċessi mixtieqa. Mal-kor issieħbet is-sopran Mary Galea, omm is-surmast li tat lill-Kor ħajja ġdida u għenet biex il-Kor ikun jista' jkanta xogħolijiet aktar diffiċli u eleborati.

Il-membri tal-Kor minn żmien għal żmien jitbiddlu, iżda l-Chorus Urbanus għadu hemm jagħti s-sehem tiegħu sħiħ fil-funzjonijiet u okkażjonijiet oħra tal-Bażilika. Huma jħossuhom kburin b'din il-ħidma li għaliha twieled u għex il-Kor, ħidma għall-benefiċċju tal-Bażilika Ġorġjana. Is-sagrifiċċji li l-membri tal-Kor jagħmlu huma kbar meta tqis li huma mpenji s-sena kollha bil-provi kif ukoll bis-serivizzi. Dan id-dmir kull membru jaqdih bil-qalb u b'sens ta' responsabbiltà għall-glorja t'Alla u tal-Parroċċa tagħna.

***George Borg,** Segretarju Chorus Urbanus*

## *Rebbieħ f'Konkors tad-Drama*

Dan l-aħħar tħabbar li l-poeta Għawdxi, il-Kan. Joe Mejlak, rebaħ l-Ewwel u t-Tieni Premju f'Konkors ta' Drammi f'Att Wieħed imniedi mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex. Huwa kiseb l-ewwel post bid-dramm tiegħu "Bogħod mill-Għajn", waqt li d-dramm li ġie fit-tieni post iġib l-isem "Ommi ma Tridnix!"

Din hija t-tieni darba konsekuttiva l i l-Kan. Mejlak kiseb suċċess f'dan il-Konkors. Fk-1981, meta kien ġie mniedi konkors ieħor ta' din ix-xorta mill-istess Moviment ta' Kana, huwa rnexxielu jikseb l-Ewwel Premju wkoll bid-dramm "Tama Oħra".



Il-Kan. Mejlak irċieva l-premjijiet waqt serata li nżammet fl-Oratorju Don Bosco fl-10 ta' Jannar li għadda, meta ġie wkoll preżentat id-dramm li bih kiseb l-ewwel post.

F'isem id-Direzzjoni ta' din ir-Rivista, aħna nifirħu lill-Kan. Joe Mejlak u nixtiequlu aktar suċċessi fil-ħidma tiegħu letterarja fil-ġejjieni.

**ĦAJR**

**Mons. Arċipriet jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li, wara l-appell li għamilna dan l-aħħar, taw is-sehem tagħhom b'risq il-Kalendarju ta' din is-sena. Sakemm morna għall-istampa l-ġabra laħqet is-somma ta' Lm180.**

*Jiktbilna*

*Kilin*

# PAĊI U SLIEM

L-anġli mdendlin fuq il-presepju għandhom f'idejhom strixxa bil-kliem: ". . . u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.". Kliem li nisimgħu sena wara sena għall-ħabta tal-festa tal-Milied. Sliem. Paċi. Dak hu li nixtiequ lil xulxin. Imma kemm nieqfu naħsbu fuqha l-kundizzjoni tal-paċi? Kemm nagħtu importanza lir-rieda tajba?

Dal-ħsieb għadda minn moħħi xi ġimgħat ilu waqt li kont nara programm televiżiv. Is-suġġett kien Il-Paċi. Kulħadd qal tiegħu, min ħaġa u min oħra. Wieħed żagħżugħ tkellem tajjeb ħafna fuq is-sehem li jistgħu, u jmisshom, jagħtu ż-żgħażagħ. Fl-aħħar messu jitkellem wieħed ħabib tiegħi jismu Peter. Dan niżel mill-ewwel għall-egħruq tal-kwistjoni kollha meta qal li biex ikollna s-sliem jeħtiġilna nerġgħu nduru lejn Alla, għax Alla jridna nħobbu lil xulxin bħal aħwa, u għax jekk inħobbu 'l xulxin, loġikament ma jkunx hemm iżjed tilwim u ġlied u gwerer.

Fuq din iċ-Chairman ikkommenta: "Iva, iva. Kristu tassew ippriedka l-imħabba; iżda ppriedka wkoll il-ġustizzja!" Bqajt mistagħġeb b'din l-osservazzjoni ġejja minn bniedem intelliġentissmu. Għax donnu ried jimplika li l-ġustizzja u l-imħabba jeskludu lil xulxin. Li ma jistgħux igħixu flimkien. Li biex tkun ġust trid bilfors tkun kattiv. Jien nemmen, bil-maqlub, li min iħobb bilfors irid ikun ġust. Għax min iħobb iqis lil ħaddieħor bħala ħuh il-għażiż, u ma jagħmilx miegħu dak li ma jridx min jagħmel lilu nnifsu. Bil-maqlub, huwa min jobgħod, l-egoist li jqis lilu nnifsu alla, li hu sikwit inġust. Għax iqis lil kulħadd inqas importanti minnu. Għalhekk, biex jilħaq l-għanijiet ta' moħħu, ma jaħsibhiex darbtejn biex jiġġakbina lil sieħbu, jisirqu, jagħtih malafama, saħansitra joqtlu, bil-ġuħ jekk mhux b'sikkina.

Mhux l-anġli tal-presepju biss jaqblu ma' Peter. Nisimgħu lil Isaija, meta jara l-popli kollha tad-dinja jduru lejn Alla: ". . . u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra iżjed ma jitgħallmuhiex". (Is. 2,4).

Le, le, l-erba' kelmiet qosra ta' Peter kienu jiswew daqs id-diskorsi kollha li saru f'dik ix-xandira. Hemm hu l-pedament ta' kollox. Jekk irridu l-paċi jeħtieġilnanduru lejn Alla, niftakru li aħna lkoll aħwa, ilkoll indaqs quddiemu, u nġibu ruħna ma' għajrna eżatt bħalma nixtiequ li ħaddieħor iġib ruħu magħna. Aħwa. Ilkoll aħwa, fuq dil-biċċa materjal iddur u tagħqad fl-ispazju li nsejħulu Dinja. Għal żmien qasir. Qasir ħafna. Għal ftit tidwiriet biss ta' dan i-ċippitatu ta' Alla l-Ħallieq. Għalhekk, m'hemmx paċi fejn m'hemmx rieda tajba.

Issa l-paċi mhix ħaġa passiva. Ma torbotx idejha fuq żaqqha u tgħid: "ma nindaħalx fejn ma jesagħnix", jew "mhux affari tiegħi", jew "indabbar rasi u ma jimpurtani minn ħadd." Il-paċi hi stat li trid titħabat biex tiksbu, u wara biex ma titilfux. Trid taħdem għalih is-sliem. Għax jekk titwarrab u toqgħod kwiet għalik waħdek issibu tassew is-skiet u teħles tassew mill-inkwiet, imma b'daqshekk ma tgħix fis-sliem.

Ngħid għalija nistqarr li nitgħaxxaq inqatta' nofs siegħa fuq il-quċċata ta' Ta' Għammar, jew Ta' Dbiegi, waħdi ma Alla, u nilmaħ taħti, ċkejknin bħal pasturi, il-bnedmin u l-karrozzi u d-djar tagħhom. Tajjeb, tassew li kultant tinqata' għalik waħdek għal ftit tal-ħin, jew ukoll għal ftit jiem. Imma mhux li tgħix dejjem hekk, għax f'qalbek ma ssibhiex il-paċi. Għax il-kuxjenza ma tħallikx kwiet, u tibda ttambarlek bla ma tehda li ħutek, bnedmin bħalek, jinsabu neqsin minn kollox: ikel, ilbies, dar, ħelsien.

Le, il-paċi passiva mhix paċi vera. Hi bħal għadira ilma qiegħed, sabiħ għall-għajn, iżda jinten pesta bil-korruzzjoni. Min tassew jixtieq il-paċi f'ruħu jeħtieġlu jaħdem, id f'id ma' ħutu ta' rieda tajba, biex jaraha ssaltan madwaru, fil-familja, fil-belt, fil-pajjiż, fid-dinja.

Il-messaġġ ta' l-anġli ma kienx biss għar-rgħajja ta' Betlem, iżda għall-bnedmin kollha. U jkun biss meta l-bnedmin ta' rieda tajba jirbħu d-deni bil-ġid, li sseħħ il-profezija ta' Isaija.

---

jaqbad minn paġna 1

organika, kif ukoll sabiex filwaqt li jidħol f'relazzjoni kordjali ma' ħutu, iqanqal lil dawk li forsi jkunu ntelqu u fl-aħħarnett sabiex isejjaħ lill-insara kollha ħalli jġeddu l-kuxjenza tagħhom u jwettqu azzjoni apostolika iktar imħeġġa".

Matul din iż-Żjara Pastorali Mons. Isqof mistenni jara mill-qrib kif qegħdin jitwettqu r-riżoluzzjonijiet li ħarġu mit-tliet Kungressi Pastorali Djoċesani tal-1975, 1980 u 1985. Mons. Isqof ser jindaga wkoll jekk in-normi tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika, kif ukoll dawk tas-Sinodu Djoċesan, humiex qegħdin jiġu osservati kullimkien fid-djoċesi tagħna, u jekk hemmx xi diffikultajiet li ftit jew wisq qegħdin itellfu din l-osservanza.

Hija x-xewqa tal-Isqof li f'din l-okkażjoni jiltaqa' ma' dawk kollha li qegħdin jieħdu sehem f'xi attività pastorali jew qegħdin iwettqu xi appostolat, jiġifieri mhux biss is-saċerdoti iżda wkoll il-lajċi, b'mod partikolari d-diriġenti tal-Għaqdiet Kattoliċi, il-membri tal-Kunsilli Parrokkjali u tal-Kumitati għall-ħidmiet pastorali fil-parroċċi.

F'ċirkulari li ħareġ dwar din il-Viżta Pastorali, Mons. Isqof wera t-tama tiegħu li kull fejn ikun jistenna li jsib il-kollaborazzjoni tal-poplu kollu. "Jiena lest li nisma' u nistudja s-suġġerimenti u l-ilmenti li tagħmluli bil-fomm u bil-kitba. Ngħarrafakom ukoll bir-responsabbiltà li għandkom fil-kuxjenza li tavviċinawni u bl-intenzjoni retta kollha tinfurmawni jekk qatt fil-parroċċa tagħkom jew fl-istituzzjonijiet ekklesjastiċi l-oħra, teżisti xi ħaġa li qegħda tagħmel ħsara spiritwali lill-poplu t'Alla. Fuq kollox l-insara ta' din id-djoċesi għandhom jagħtu l-koperazzjoni tagħhom billi matul din il-Viżta Pastorali jitolbu ta' kuljum għas-suċċess tagħha".

Fil-Parroċċa Bażilika tagħna, Mons. Isqof fetah il-Viżta tiegħu nhar is-Sibt 23 ta' Novembru 1985. Huwa diġa kellu laqgħat mall-Kapitlu, Kleru u l-Kunsill Parrokkjali. Din hija r-raba' Vizta Pastorali li l-Isqof Cauchi qed jagħmel fid-djoċesi kemm ilu Kap Spiritwali ta' gżiritna.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## *Editorjal*

# Trid il-Paċi?. . . . .
# Iġġieled Għaliha!!!

Feġġet sena ġdida, tfaċċat sena oħra. L-1985 telqet, bla kliem u bla sliem. U flokha sabet ruħha l-1986. Daħlet fost briju u awguri ta' miljuni ta' nies li bix-xampanja f'idejjhom riedu jgħammduha huma stess u jsejjħulha: Is-SENA TAL-PAĊI.

U int xi tgħid, ħabib? Taħseb li l-1986 ser tkun sena ta' paċi?

Ma tafx x'ser twieġeb? Jew inkella konvint li dak l-isem ser ikun biss imniżżel fuq il-karta?

Għandek raġun taħseb hekk.

Issa: ippermettili nagħmillek mistoqsija: "Għaliex taħseb li l-1986 mhux ser tkun Sena tal-Paċi?"

Naf x'ser għidli: "Il-paċi qegħda f'idejn il-kbar, f'idejn il-mexxejja. Tasal meta jriduha huma."

Għandek żball. Jekk inti qed tistenna l-paċi għax żewġ mmexxija jduru madwar mejda u storduti minn mitt elf berqa tar-ritratti, inizzlu isimhom fuq biċċa karta, tista' ddum tistenniha il-paċi.

B'daqshekk ma jfissirx li aħna kontra minn joqgħod madwar mejda u jipprova jiftiehem għall-paċi. Aħna nitolbu għalihom u j'Alla dak li jwegħdu jżommuh.

**Iżda, ħabib: il-paċi rridu naħdmu għaliha jien u int. . . aħna lkoll, aħna min aħna, bid-difetti u bin-nuqqasijiet kollha tagħna. Il-paċi trid tibda minni u minnek. U biex nakkwistaw il-paċi, irridu niġġieldu għaliha.**

Paradoss kbir, hux? Tikseb il-paċi billi tiġġieled għaliha! Xejn iktar u xejn iżjed.

Jekk trid issib il-paċi:

IĠĠIELED kontra l-egoiżmu tiegħek
il-passjonijiet tiegħek
l-għira tiegħek
il-pika tiegħek
il-fanatizmu tiegħek
il-bluha tiegħek.

Tibżax li tweġġa' jew inkella tingiref. Dan hu l-prezz li inti u jien irridu nħallsu jekk irridu naslu għall-paċi.

Ħabib, jekk kulħadd jibda jagħmel hekk, jekk ilkoll nibdew din il-ġlieda, kieku nkunu ferm aħjar milli aħna. Jekk kull wieħed minna jistinka u jiġġieled biex jiġbor mill-art biċċa waħda biss mid-dinja mfarrka tagħna, u niġbruhom flimkien, inkunu qegħdin nagħtu kontribut siewi biex inkunu verament STRUMENTI TA' PAĊI.

**Hekk biss is-sena 1986 tkun is-Sena tal-Paċi. U tkun għamiltha hekk INT.**

**NOTA EDITORJALI**

**Minħabba ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom din il-ħarġa qed taslilkom ftit tard**

# Teżor għal din is-Sena

Naqraw li darba waħda wieħed missier meta wasal biex imut qal lill-uliedu li kien se jħallilhom teżor moħbi f'għalqa. Nafu kif dawn uliedu ħaffru u qallbu l-għalqa kollha biex isibu t-teżor. Għalkemm ma sabuħx, huma skoprew li meta kienu qed jaħdmu, bla ma ndunaw, l-art radditilhom ħafna ġid daqs kemm qalbuha sewwa.

Din l-istorja tixbah lill-bidu tas-sena ġdida. Il-Mulej bħala "missier" joffrilna sena oħra li naturalment ma nkunux nafu x'fiha ta' benefiċċju għalina. Is-sigriet li nsibu t-teżor mifrux matul it-tlitt mija u ħamsa u sittin jum quddiemna jiddependi kemm aħna kapaċi nużaw tajjeb iż-żmien. Kieku nifhmu sew il-valur taż-żmien, żgur li napplikawh tajjeb biex nakkwistaw it-teżor.

Żmien użat sew, għall-imħabba t'Alla u għall-għajnuna kontinwa tal-oħrajn, ikun qisu "treasure chest" li minnu noħorġu ġid li jiswa mhux daqs id-deheb u l-fidda, imma ferm aktar. . . Alla stess.

# LAQGĦA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN

Il-Grupp Djoċesan Attivitajiet Żgħażagħ organizza laqgħa għaż-żgħażagħ Għawdxin fil-Bażilika ta' San Ġorġ bħala għeluq tal-ħidma tal-Grupp għas-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ. Din il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 3 ta' Jannar 1986, u ġibdet attendenza ta' mijiet ta' żgħażagħ minn Għawdex kollu.

L-E.T. Mons Isqof Nikol G. Cauchi qaddes għaż-żgħażagħ f'konċelebrazzjoni flimkien ma' saċerdoti Għawdxin li jagħmlu ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ. F'diskors li għamel, Mons Isqof appella liż-żgħażagħ biex juru aktar entużjażmu għax "xi żgħażagħ qed jitwieldu psikoloġikament xjuħ", u talab ukoll lis-saċerdoti li jaħdmu fost iż-żgħażagħ biex ikollhom aktar ħeġġa. Huwa radd ħajr liż-żgħażagħ u lis-saċerdoti li ħadu sehem f'din il-laqgħa kbira taż-żgħażagħ Għawdxin.

Iż-żgħażagħ irringrazzjaw 'l Alla għall-ħidma tagħhom ta' matul is-sena, u talbuh għalihom infushom, għall-Knisja u għas-Soċjetà. Wara t-tqarbin huma xandru memorandum.



Il-kant tal-laqgħa kien immexxi tajjeb ħafna mill-grupp tal-kitarri taż-żgħażagħ tax-Xewkija.

B'din il-laqgħa, iż-żgħażagħ riedu jxandru li għalkemm is-Sena taż-Żgħażagħ tgħaddi, iż-żmien taż-żgħażagħ ma jgħaddix - "jeħtieġ nibdew mill-ġdid il-ħidma tagħna b'impenn ikbar", qal kelliem għall-Grupp organizzattiv.

*"Imberkin dawk li jaħdmu għall-paċi għax jissejħu wlied Alla" (Matt. 5, 9)*

Is-sena 1986 ġiet dikjarata mill-Gnus Magħquda bħala s-Sena Internazzjonali tal-Paċi. Aħna ħsibna li tkun ħaġa xierqa u f'waqtha li fis-sitt ħarġiet tar-rivista għal din is-sena, nitkellmu fuq xi wħud li taw sehemhom sabiex iġibu l-paċi fid-dinja tagħna. Bix-xogħol nobbli tagħhom fi ħdan ħuthom il-bnedmin, jixirqilhom tassew it-titlu ta'



## Bennejja tal-Paċi



## RAOUL FOLLEREAU (1903 - 1977)

"Nagħżel bħala werrieta tiegħi universali liż-żgħażagħ tad-dinja kollha u lil dawk li jaħdmu għall-paċi. Ġenna waħda hemm għal kulħadd". Hekk ħalla miktub fit-testment tiegħu Raoul Follereau li l-Amerikani jsejħulu "Il-Vanġelu tal-Karita", is-suwed tal-Afrika jsejħulu "L-Appostlu tal-Lebbruzi" u ħafna oħrajn "Il-Messaġġier tal-Imħabba tal-Aħwa".

Sa minn żogħżitu, Raoul li twieled fi Franza, iddedika ħajtu f'taqbida qalila kontra l-faqar, l-inġustizzji soċjali, l-egoiżmu, ir-regħba ta' l-għonja u s-setgħana, il-ġirja għall-armamenti, il-lebbra, u fuq kollox il-paċi fost il-ġnus. Bil-kitba, bil-kelma ħajja tiegħu, iżda l-iktar bl-eżempju u l-ħidma ħabrieka tiegħu huwa ried iħeġġeġ bidla fid-dinja msejsa fuq l-imħabba nisranija ta' bejn l-aħwa.

Bi tbissima fuq xofftejh, bl-ingravata sewda magħmula ċoff l-antika, bil-lobbja u l-bastun, huwa vvjaġġa żewġ miljuni kilometri, żar mitejn pajjiż, iltaqa' u tkellem ma' ħafna mill-kbarat tad-dinja, Papiet, Rejjiet, Presidenti, nies importanti u magħrufa u fuq kollox għannaq miegħu eluf u eluf ta' foqra u lebbrużi.

Kull waqt u kull ħin kien iħajjar u jħeġġeġ idejat ġodda u jgħid li ħadd ma għandu dritt li jgħix ħieni għalih waħdu. Mhux ta' b'xejn li Raoul Follereau, minkejja l-età tiegħu, irnexxielu jqajjem interess u entużjażmu kbir fost iż-żgħażagħ tad-dinja li fuq il-passi tiegħu ħalfu li jagħtu l-għajnuna tagħhom għall-azzjoni u ħidma ġeneruża f'servizz għall-bnedim kollha.

Aktar minn tliet miljun ruħ illum huma mseħbin fl-armata kbira tal-paċi tal-"Ħbieb ta' Raoul Follereau" jew "Commandos tal-Aħwa".

U aħna? Se nibqgħu b'idejna marbuta u ma nagħmlu xejn għall-paċi? Raoul tana eżempju u wriena t-triq. Nibdew issa stess, fiċ-ċirku żgħir tagħna, kulħadd mill-aħjar li jista', jaħdem għall-paċi. Nibnu dinja aħjar għalina u għal ta' warajna. Għada jista' jkun tard wisq. Il-paċi nħossuha jekk irridu aħna. Biex ikollna l-paċi rridu nkunu fil-paċi magħna nfusna, ma' tal-familja, ma' ħbiebna u ma jrid ikun ħadd li f'qalbna ma jkollniex wisgħa għalih.


# ASTRA TOURS 1986

*Programm għas-Sajf li ġej:*

**Tour 1:**
ITALJA - FRANZA - SPANJA (Lourdes - PORTUGAL (Fatima)
mit-28 ta' Lulju sat-13 ta' Awissu



**Tour 2:**
ITALJA (Ruma - Venezja - Foggia - Padova - Loreto - Firenze etc)
mit-2 ta' Awissu sal-10 ta' Awissu

**Tour 3**
AWSTRIJA - GERMANJA
mit-3 ta' Awissu sal-10 ta' Awissu

**Tour 4**
ITALJA - BELGJU - GERMANJA - SVIZZERA - FRANZA - OLANDA
mil-21 ta' Awissu sal-5 ta' Settembru

***Iktar tagħrif - Paul M. Cassar Tel. 551004***

# MID-DJARJU TAL-PARROĊĊA

## *Il-Milied u Tmiem is-Sena*

**1 ta' Diċembru:**
Bdew il-priedki tal-Avvent fil-quddiesa tal-4.00 p.m. Il-predikatur kien Dun Ġorġ Mercieca STL. Is-suġġett tal-priedki kien "It-Twelid ta' Kristu fid-Dawl tad-Dokumenti Konċiljarji".

**8 ta' Diċembru:**
Fis-Solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Marija, filgħodu saret fil-Bażilika konċelebrazzjoni solenni minn Mons. Arċipriet flimkien mar-Rev. Kapitlu u kleru. Filgħaxija Mons. Arċipriet mexxa wkoll il-purċissjoni tal-Immakulata li toħroġ mill-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fil-Belt Victoria.

**15 ta' Diċembru:**
Bdiet in-Novena tal-Milied. Predikatur: Dun Manwel Cutajar. Il-kant matul il-jiem tan-novena sar mit-tfal taċ-Ċentru Parrokkjali tagħna. Ta' min igħid li t-tfal bdew jieħdu sehem iktar attiv fil-quddiesa speċjali li bdiet tiġi organiżżata għalihom kuljum. Huma ħassew ukoll illi kellhom iwasslu l-awguri tagħhom lill-kommunità parrokkjali kollha mhux biss bil-kant ħlejju tagħhom matul in-novena iżda wkoll billi waħħlu 'board' kbir malfaċċata taċ-Ċentru Parrokkjali li fih barra l-awguri tal-istaġun fakkruna li qabel xejn Kristu jixtieq jitwieled f'qalbna.




**20 ta' Diċembru:**
Wara l-quddiesa tan-Novena, it-tfal taċ-Ċentru Parrokkjali ppreżentaw id-dramm "Dawl fuq Betlehem" fil-Bażilika. Id-dramm, kitba u produzzjoni ta' Paul Pisani, kien jinkludi għana tal-Milied li ġie mgħallem lit-tfal minn Jacqueline Xuereb u Rev. Djaknu Joseph Mercieca.

**23 ta' Diċembru:**
Filgħaxija ġie ppreżentat 'feature' letterarju, "Il-Milied Festa ta' Paċi u Sliem" xogħol il-Kav. Joe M. Attard. Dan il-'feature' li kien ippreżentat minn Paul Pisani u Marie Louise Gauci kien imżewwaq b'għadd ta' poeżiji li nqraw minn diversi qarrejja, u kant tal-Milied mil-Kor "Laudate Pueri".

**24 ta' Diċembru:**
Il-funzjonijiet solenni tal-Lejl tal-Milied fil-Bażilika bdew fil-11.30 p.m. bil-Matutin kantat bil-Malti flimkien mal-poplu. Wara it-tfajjel Jason Portelli għamel il-priedka tradizzjonali tal-Milied. F'nofs il-lejl saret konċelebrazzjoni solenni.

**25 ta' Diċembru:**
Filgħodu fil-Bażilika saret konċelebrazzjoni solenni. Filgħaxija, Quddiesa Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof flimkien ma' Mons. Arċipriet, kapitlu u kleru.

**27 ta' Diċembru:**
Il-Grupp taż-Żgħażagħ tal-parroċċa tagħna ppreżenta 'feature' fil-Bażilika fi tmiem is-Sena taz-Żgħażagħ. Dan il-'feature', li jġib l-isem "Il-Mixja lejn il-Ħelsien" kien jinkludi rifessjonijiet fuq il-misteru tas-salvazzjoni kif ukoll fuq Marija Santissima Omm Alla. Il-'Feature' xogħol ir-Rev Djaknu joseph Mercieca, kien imżewwaq ukoll bil-kant.

**28 ta' Diċembru:**
It-tfal taċ-Ċentru tagħna ġew mistiedna jattendu l-Party tal-Milied li sar fil-Każin tal-Banda La Stella. Waqt dan il-Party ġie ipprezentata għal darb'oħra l-play "Dawl fuq Betlehem".



**30 ta' Diċembru:**
Fis-sala taċ-Ċentur Parrokkjali ġie organizzat 'party' kbir lit-tfal li jattendu ċ-Ċentru Parrokkjali tagħna. Dawn it-tfal ġew mogħtija rigali u mferrħa b'numru ta' logħob mill-'helpers' li jieħdu ħsiebhom.

**31 ta' Diċembru:**
Fil-festa ta' San Silvestruj I Papa, fundatur tal-Lateran, filgħodu saret konċelebrazzjoni solenni. Filgħaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali bil-kant tat-"Te Deum". Jum ta' esposizzjoni Solenni.

**1 ta' Jannar:**
Saret konċelebrazzjoni solenni fl-okkażjoni tas-solennità tal-Imqaddsa Verġni Omm Alla.

**3 ta' Jannar**
Laqgħa djoċesana fil-Bażilika għaż-żgħażagħ għawdxin. Mons. Isqof N. Cauchi ġab fit-tmiem is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ b'funzjoni speċjali li matulha mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

## *MISTOQSIJA u TWEĠIBA*

*Meta nbniet il-Banca Giuratale li hemm it-Tokk?*

Din il-binja semi-cirkulari ta' stil barokk inbniet fl-1733 fuq disinn tal-kavallier De Mondion għas-spejjez ta' l-Università, kif kien imsejjah il-gvern lokali fi żmien l-Ordni. Hemmhekk kienu jiltaqgħu l-Hakem u l-ġurati. Fuq l-istess post kien hemm binja oħra qadima b'bankijiet tal-ġebel quddiemha fejn, jingħad, l-imħallfin kienu jaqgħu s-sentenzi.

# *GĦALIKOM TFAL*

## Nimxu Id f'Id

*Għeżież Tfal,*

*Illum se ngħidu kelma qasira lil dawk it-tfal li tfarfru ġmielhom, li laħqu l-età ta' erbatax, ħmistax il-sena, u li forsi jixirqilhom altru li jissejħu żgħażagħ. Dawn it-talin isegwuha wkoll din il-paġna, għalhekk ħsibt li nwasslilkom messaġġ ċkejken. Intom iż-żgħar aqrawh ukoll għax għad jiswielkom aktar 'il quddiem.*

*Darba kien hemm żagħżugħ li kien mistieden għal tieġ u ommu xtratlu libsa ġdida. Meta ġie biex jippruvaha, propju lejliet it-tieġ, sab li l-qalziet kien jiġih ftit twil. Iż-żgħażugħ għamel il-buli għax ra li l-libsa ma kenitx se toqgħodlu pulita daqs kemm ħaseb.*

*Ommu ħallietu jmur jorqod, imbagħad qabdet il-qalziet, qatgħetlu ħames ċentimetri minnu biex jiqsar, għaddietu u poġġietu f'postu fuq l-ispalliera.*

*Oħtu l-kbira, meta rat li raqad kulħadd, biex mingħaliha tagħti sorpriża ta' ferħ lil ħuha, qamet bil-mod, ħadet il-qalziet, qatgħetlu ħames ċentimetri u dendlitu mill-ġdid f'postu, moħħha mistrieħ li l-għada fil-għodu ħuha kien se jsib il-qalziet pulit u tal-qies tiegħu.*

*Ġara li oħtu oħra qamet kmieni qabel kulħadd b'itr ċar f'rasha li tqassar il-qalziet ta' ħuha ħalli meta jqum isibu kif xtaq hu. U għamlet bħat-tnejn l-oħra ta' qabilha: qatgħet ħames ċentimetri oħra!*

*Meta fil-għodu dak iż-żgħażugħ mar biex jilbes il-qalziet u jħejji biex imur għat-tieġ, tistgħu taħsbu xi straġi sab! Jekk marx jew le it-tieġ ma nafx. Li naf hu li dan hu eżempju ta' x'jista' jġib in-nuqqas ta' ftehim. Jiswa ħafna li d-dar nuru lil xulxin b'dak li nagħmlu. Hawn ħafna min iżomm għalih dak li jagħmel, sew fid-dar u iktar u iktar barra. Hawn min ma jgħid lil ħadd fejn imur, ma' min ikun, kemm se jdum. . . Dan mhux sewwa. Billi dak li jkun igħid lill-ġenituri tiegħu fejn se jkun u x'se jagħmel, mhux se jiċċekken. Anzi, hu fid-dmir li jgħid u jiftaħ qalbu ma' tad-dar.*

***Meta toħorġu għidu 'l tad-dar fejn se tkunu, għax ma tafux x'jista' jinqala'. Il-ftehim m'hemmx isbaħ minnu. Qisu għalhekk li ma timxux għal raskom, imma dejjem id f'id mall-ġenituri tagħkom.***

TATA'
IZ-ZIJU PEPPI

---

### BAŻILIKA SAN ĠORĠ MARTRI
### EŻERĊIZZI RANDAN — 1986

***GĦALL-MIŻŻEWĠIN:***
24 ta' Frar sat-28 ta' Frar, fis-7.00 p.m.
Predikatur: Patri Raniero Zammit O.F.M. Kap.
*(Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal)*

***GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ***
3 ta' Marzu sas-7 ta' Marzu, fis-7.00 p.m.
Predikatur: Patri Elija Vella O.F.M. Konv.

***GĦAL KULĦADD***
10 ta' Marzu sal-14 ta' Marzu, fis-2.00 p.m.
Predikatur: Patri Pawl Deguara, S.J.

---

# ID-DINJA ĊIPPITATU

Id-dinja ċippitatu
li jagħqad bla waqfien,
u fuqu jduru l-popli,
u nduru int u jien.

Idur il-miljunarju,
bħalu jdur it-tallab;
kulħadd fuq ċippitatu
idur fil-baħħ jinsab.

Iblaħ min jimla rasu
li qiegħed fuq is-sod;
għax miexi bħal taċ-ċirklu
fuq ħabel twil jirtogħod.

Miskin min jorbot qalbu
ma setgħa, saħħa u flus;
kemm aktar ħieni l-fqajjar
minn kull irbit meħlus!

Ħabib, newwilli idek
ħa nwieżnu lil xulxin;
biex lil xulxin inwennsu,
sa ma jsirilna l-ħin.

U mbagħad id f'id nitilqu
lejn l-art li ma tintemmx,
fejn tgħammar biss l-imħabba,
hemm fuq, lil-ħinn mix-xemx.

***KILIN***

---

# Ulied Ġodda fil-Parroċċa

**10.11.85**
RONALD iben Raymond Cassar u Maria nee Grima
**23.11.85**
SIMON MARIO iben Carmelo Cachia u Josephine nee Xuereb
**21.12.85**
GEORGE ANTHONY iben Charlie Axiaq u Josephine nee Attard
**21.12.85**
FRANCESCO PIO iben Joe M. Attard u Maria nee Zammit
**24.12.85**
CHRISTIAN iben Mario Attard u Consiglia nee Vella
**29.12.85**
JOANNE u RITIANNE ulied Joseph Attard u Maria nee Attard

# Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

**22.12.85**
Denise Scicluna u Charles Mercieca

# Daħlu Qabilna fl-Eternità

**5.11.85**
Joseph Buttigieg
**20.11.85**
Carmela Galea
**22.11.85**
Guzeppa Galea
**29.11.85**
Guzepp Buttigieg
**4.12.85**
Carmelo Buhagiar
**26.12.85**
Georgia Caruana
**31.12.85**
Carmelo Mercieca

# Miet il-Kardinal Florit



*Il-Kardinal Florit waqt il-funzjoni tal-Ordni Sagramentali fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru 1985 tħabbret il-mewt tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Ermenegildo Florit ta' Firenze. Huwa kellu 84 sena.

Isem il-Kardinal Florit huwa ftit jew xejn familjari magħna l-Ġorġjani Għawdxin. Ilkoll niftakruh tajjeb fil-Festi Ċentinarji ta' San Ġorġ tal-1978 (festi li fakkru t-Tielet Ċentinarju mill-bini tal-knisja f'għamla ta' salib Latin u t-Tielet Ċentinarju tal-Kwadru Titulari) meta bħala l-mistieden prinċipali ta' dawk il-festi, mexxa funzjonijiet speċjali fil-Bażilika tagħna. Għall-okkażjoni l-Kardinal Florit kien amministra l-Ordinazzjoni Saċerdotali lil tliet saċerdoti ġodda (Dun Giovanni Cremona, Dun Gużepp Farrugia u Dun Felic Tabone), ippresieda Akkademja Muziko-Letterarja u mexxa Konċelebrazzjoni Solenni nhar il-Festa, li għaliha assistew fost oħrajn l-E.T. Dr Anton Buttigieg (President ta' Malta), is-Sur Joseph Cefai (Segretarju għal Għawdex), kif ukoll l-E.T. L-Arċisqof Metropolita Mons Guzeppi Mercieca, l-E.T. l-Arċisqof Emeritus Mons. Mikiel Gonzi, l-E.T. L-Isqof Djocesan Mons. Nikol Cauchi, delegazzjoni tal-Kapitlu tal-Arcibazilika ta' San Ġwann Lateran f'Ruma u delegazzjoni tal-Kapitlu Metropolita tal-Katidral ta' Malta u dak t'Għawdex. Kien fi tmiem dan il-Pontifikal tal-Festa li l-Kardinal Florit, imsaħħar mis-solennità straordinarja tal-okkażjoni, stqarr pubblikament li kien stħajlu qiegħed jiffunzjoni "f'wieħed mill-aqwa katidrali tal-Ewropa".

Il-Kardinal Florit ġie mfakkar fil-Bażilika ta' San Ġorġ b'Konċelebrazzjoni li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar b'suffraġju għal ruħu f'egħluq ix-xahar mill-mewt tiegħu. Din il-Konċelebrazzjoni tmexxiet mit-tlitt saċerdoti li rċivew l-ordinazzjoni Saċerdotali minn idejh.


# *Dramm Spettakolari*

# FIT-TEATRU ASTRA




- ***Ġrajja minsuġa mal-ħajja ta' Kristu: mit-twelid sal-mewt. . .***
- ***Ġrajja li tilħaq il-qofol tagħha fuq il-Golgota. . .***
- ***Ġrajja li saħħret lid-dinja u li ma tintesa qatt. . .***
- ***Ġrajja ta' eroj immortali. . .***
- ***Ġrajja ta' mħabba u ta' fidi. . .***

**IS-SIBT, 8 ta' MARZU 1986, fis-7.00 p.m.**
**IL-ĦADD, 16 ta' MARZU 1986, fil-5.15 p.m.**


A&M PRINTING LTD. - 553217